# Għaliex tarmih il-Malti ?

Għaliex tarmih il-Malti
il-lsien qadim li bih kelmitek ommok?
għax tħobb lsien mhux tiegħek
u tmaqdar l-ewwel kliem li bexxaq fommok?

Kif trid tkun iben Malta
jekk gidba int xerridt tassew faħxija,
u bla ma ħammart wiċċek
stqarrejt li Malta tiegħek mhix Maltija ?

Għaliex il-qalb hi mejta
u fehmtek li tissielet għadha sħiħa,
fil-waqt li qalb kull Malti
imtliet bil-ferħ għax Malta hi rebbieħa?

Għalxejn tixħet it-tajn
biex tħassar dik il-qalb il-għana tagħha
għax demmna hu demm Malti
li jħares dak il-lsien li twieled magħna.

Tisraqx l-isem ta' Malti
u tgħidx li mara lilek tat il-ħajja,
tinsiex li tkun imwarrab
mill-ktieb li jiġbor fih ulied il-Ġrajja.

Bla mafkar l-art għad taħbi
il-fdal moqżież li jħalli l-ġisem tiegħek
u s-Saħta dejjem ħajja
fit-trab ta' l-art għal dejjem tgħasses miegħek.

ANTON TANTI.